11.4.2016 B8-0440/2

**Emenda 2**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0440/2016**
**Knut Fleckenstein**
f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin
ir-Rapport 2015 dwar l-Albanija

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jinsab maħsud bis-sejbiet tal-istħarriġ nazzjonali tat-tfal tat-triq li wera li madwar 2 500 tifel u tifla qed jgħixu u jaħdmu fit-toroq; jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatt li, skont il-Kummissjoni, l-Albanija għadha pajjiż li huwa sors ta' traffikar tat-tfal, ta' tħaddim sfurzat tat-tfal u l-agħar forom ta' tħaddim tat-tfal kif definit fil-Konvenzjoni Nru 182 tal-ILO;*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0440/2016**
**Knut Fleckenstein**
f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin
ir-Rapport 2015 dwar l-Albanija

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jistieden lill-Albanija tagħmel aktar sforz biex tallinja mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u r-rekwiżiti tal-Kapitolu 27; jilqa' f'dan ir-rigward l-istabbiliment ta' Aġenzija Nazzjonali għal Żoni Protetti u Aġenzija għall-Kosta Albaniża;*** |

Or. en

11.4.2016 B8-0440/4

**Emenda 4**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0440/2016**
**Knut Fleckenstein**
f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin
ir-Rapport 2015 dwar l-Albanija

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21b. Jistieden lill-gvern iwaqqaf il-bosta proġetti idroelettriċi mhux kontrollati ġewwa żoni protetti u żoni oħra b'valur naturali għoli; jissottolinja l-ħtieġa li titjieb il-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali kif ukoll biex tiġi garantita l-parteċipazzjoni u konsultazzjoni pubblika tas-soċjetà ċivili fi proġetti idroelettriċi rilevanti; iħeġġeġ lill-gvern jiddikjara moratorju ta' tliet snin fuq kostruzzjonijiet ta' proġetti idroelettriċi u biex jiżviluppa b'urġenza strateġija nazzjonali li tiddefinixxi ż-żoni projbiti u dawk li mhumiex għall-iżvilupp futur ta' proġetti idroelettriċi;*** |

Or. en

11.4.2016 B8-0440/5

**Emenda 5**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0440/2016**
**Knut Fleckenstein**
f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin
ir-Rapport 2015 dwar l-Albanija

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jagħti parir lill-gvern biex jikkunsidra t-twaqqif ta' Park Nazzjonali Vjosa; iħeġġeġ lill-gvern jabbanduna l-pjanijiet għal impjanti idroelettriċi ġodda tul ix-Xmara Vjosa u t-tributarji tagħha peress li dawn il-proġetti se jkunu ta' dannu għal waħda mill-aħħar ekosistemi estensivi ta' xmajjar fl-Ewropa li għadhom intatti u kważi naturali;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 6**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0440/2016**
**Knut Fleckenstein**
f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin
ir-Rapport 2015 dwar l-Albanija

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rieda politika kontinwa biex jitjiebu r-relazzjonijiet mas-Serbja u jħeġġeġ lill-Albanija u lis-Serbja jieħdu aktar azzjonijiet biex jippromwovu l-istabbiltà u l-kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet tajbin mal-viċinat; iħeġġeġ lill-Albanija, fid-dawl ta' dawn l-isforzi, tkompli bl-iżvilupp tal-Uffiċċju Reġjonali ta' Kooperazzjoni għaż-Żgħażagħ, bil-kwartieri ġenerali f'Tirana, li huwa ta' importanza kbira għal aktar ***ir-rikonċiljazzjoni*** fir-reġjun, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ; jirrakkomanda li titħaffef il-kostruzzjoni ta' proġetti infrastrutturali kbar bħal dak tal-konnessjoni ferrovjarja u l-awtostrada moderna bejn Tirana u Skopje bħala parti minn Kuritur VIII; ifaħħar lill-Albanija talli allinjat bis-sħiħ mad-dikjarazzjonijiet rilevanti kollha tal-PESK u mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, kif ukoll għar-rieda tagħha li tikkontribwixxi għall-għajnuna Ewropea u l-iskemi ta' risistemazzjoni għar-rifuġjati Sirjani; iħeġġeġ lill-gvern jagħmel aktar sforzi ħalli jindirizza l-għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-asil manifestament mingħajr bażi ppreżentati fl-Istati Membri, u jħeġġu jieħu azzjoni determinata permezz tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ wara l-liberalizzazzjoni tal-viża sabiex jimpenja | 26. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rieda politika kontinwa biex jitjiebu r-relazzjonijiet mas-Serbja u jħeġġeġ lill-Albanija u lis-Serbja jieħdu aktar azzjonijiet biex jippromwovu l-istabbiltà u l-kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet tajbin mal-viċinat; iħeġġeġ lill-Albanija, fid-dawl ta' dawn l-isforzi, tkompli bl-iżvilupp tal-Uffiċċju Reġjonali ta' Kooperazzjoni għaż-Żgħażagħ, bil-kwartieri ġenerali f'Tirana, li huwa ta' importanza kbira għal aktar ***rikonċiljazzjoni*** fir-reġjun, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ; jirrakkomanda li titħaffef il-kostruzzjoni ta' proġetti infrastrutturali kbar bħal dak tal-konnessjoni ferrovjarja u l-awtostrada moderna bejn Tirana u Skopje bħala parti minn Kuritur VIII; ifaħħar lill-Albanija talli allinjat bis-sħiħ mad-dikjarazzjonijiet rilevanti kollha tal-PESK u mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, kif ukoll għar-rieda tagħha li tikkontribwixxi għall-għajnuna Ewropea u l-iskemi ta' risistemazzjoni għar-rifuġjati Sirjani; iħeġġeġ lill-gvern jagħmel aktar sforzi ħalli jindirizza l-għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-asil manifestament mingħajr bażi ppreżentati fl-Istati Membri, u jħeġġu jieħu azzjoni determinata permezz tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ wara l-liberalizzazzjoni tal-viża sabiex jimpenja |

| | |
|---|---|
| ruħu għal kooperazzjoni aktar mill-qrib fl-operat u għal skambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri u l-pajjiżi ġirien; jistieden lill-gvern jikkunsidra wkoll jieħu aktar miżuri biex itejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien soċjoekonomiċi; ***jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri u jappoġġa l-fatt li l-Albanija ġiet inkluża f'dik il-lista;*** | ruħu għal kooperazzjoni aktar mill-qrib fl-operat u għal skambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri u l-pajjiżi ġirien; jistieden lill-gvern jikkunsidra wkoll jieħu aktar miżuri biex itejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien soċjoekonomiċi; |

Or. en

11.4.2016 B8-0440/7

**Emenda 7**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0440/2016**
**Knut Fleckenstein**
f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin
ir-Rapport 2015 dwar l-Albanija

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26a. Jappoġġa, fil-kuntest tal-Proċess ta' Berlin, il-ħolqien tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani tal-Punent, li jgħti opportunità lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tar-reġjuni biex jiskambjaw ideat, ileħħnu t-tħassib tagħhom u jfasslu rakkomandazzjonijiet konkreti lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, u jappella għat-tkomplija ta' dan il-proċess matul is-summit li jmiss li se jsir f'Pariġi fl-2016, kif ukoll għall-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-reġjun;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità